MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2004

Appell Civili Numru. 2457/1997/1

**Formosa & Camilleri Ltd, u dawn bhala agenti tad-ditta
estera Guardian Royal Exchange Assurance plc
kif surrogati bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet ta' l-assigurata taghhom
Marlene Scicluna, u l-istess Marlene Scicluna f'isimha proprju**

**vs**

**Antoine Abela**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

**IC-CITAZZJONI TA' L-ATTURI**

1. B'citazzjoni pprezentata fis-27 ta' Ottubru 1997 l-atturi appellati, wara illi ppremettew illi fit-12 ta' Settembru 1996, il-konvenut kien qed isuq il-vettura TWA-001 u kkaguna incident mal-vettura ROL-001, li hija proprjeta` ta' l-attrici Marlene Scicluna u assikurata *comprehensive* mas-socjeta` attrici Formosa & Camilleri Limited noe, hlief ghal Lm100 *excess*; illi l-konvenut ikkawza hsarat fuq din il-vettura li kienet misjuqa minn Paul Scicluna; illi ghal dan l-incident kien unikament responsabbli l-konvenut minhabba negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu biss; illi s-socjeta` attrici Formosa & Camilleri Limited noe hallset l-ammont ta' elf u wiehed u sebghin Lira Maltin (Lm1071.00) u wara li gabret mitt Lira Maltin (Lm100.00) *excess* jigi li nefqet elf u wiehed u sittin Lira Maltin (1061.00), u issa tinsab surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurata taghha f'dan l-ammont; illi l-assikurata Marlene Scicluna hallset minn butha mitt Lira Maltin (Lm100.00) *excess*; illi interpellat ihallas, il-konvenut baqa' inadempjenti; premess dan kollu l-atturi talbu illi l-ewwel Onorabbli Qorti (1) tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ta' l-incident stradali fuq imsemmi li gara fit-12 ta' Settembru 1996; (2) tillikwida, okkorrendo permezz ta' periti nominandi, id-danni fl-ammont ta' elf u wiehed u sebghin lira Maltin (Lm1071.00) jew somma verjuri li tillikwida din il-Qorti; u (3) tikkundanna lill-konvenut ihallas dik is-somma hekk likwidata lill-atturi bhala danni; u dan bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali tal-21 ta' Marzu 1997 u bl-imghax ta' 8% fuq elf u wiehed u sebghin lira Maltin (Lm1071.00) mid-data tal-prezentata tac-Citazzjoni sal-hlas effettiv, u dawk ta' l-ittra ufficcjali kontra Fogg Limited, li giet ipprezentata kontestwalment ma' l-istess Citazzjoni;

**L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUT**

2. Il-konvenut eccepixxa illi (1) it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif jista' jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u dan minhabba illi l-incident awtomobilistiku in kwistjoni sehh unikament minhabba

traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' Paul Scicluna illi kien qed isuq il-vettura proprjeta` ta' Marlene Scicluna fil-hin ta' l-incident *de quo*. (2) illi jsegwi illi ma hemmx danni x'jigu likwidati fil-konfront ta' l-eccipjenti; u (3) illi jsegwi ulterjorment illi t-tielet talba attrici ghandha tigi wkoll respinta.

**IS-SENTENZA APPELLATA**

3. B'sentenza moghtija fl-4 ta' Ottubru 1999, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili, wara li ghamlet il-kunsiderazzjonijiet riportati fl-istess sentenza, laqghet it-talbiet attrici u ddikjarat lill-konvenut, Antoine Abela, bhala responsabbli ghall-incident fuq imsemmi, u ghad-danni sofferti mill-atturi bhala rizultat ta' l-imsemmi incident, u kkundannatu illi jhallas is-somma totali ta' elf u disgha u tletin Lira Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm1039.72), in kwantu ghas-somma ta' disa' mija u disgha u tletin Lira Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm939.72) lill-attur Formosa & Camilleri Limited, u in kwantu ghas-somma ta' mitt Lira Maltin (Lm100.00) lill-attrici Marlene Scicluna, bl-ispejjez u bl-imghax kif mitlub kontra l-konvenut.

**L-APPELL TAL-KONVENUT**

4. Il-konvenut hass ruhu aggravat mill-imsemmija sentenza, u interpona appell minnha fuq l-aggravju segwenti:-

Illi l-ewwel Qorti ccensurat lill-appellant u attribwietlu r-responsabilita` ta' l-akkadut peress illi huwa wettaq manuvra ta' *U-Turn*, illi hija skonsiljabbli f'sewqan prudenti, u projbita meta hemm *roundabout* ftit metri boghod u *white line* taqsam it-triq, bhal fil-kaz in kwistjoni. L-ewwel Qorti rriteniet ukoll illi galadarba t-triq in kwistjoni kienet *one way*, l-ebda vettura ma kienet awtorizzata li tinzel fid-direzzjoni ta' l-*Industrial Estate* kif ghamel l-appellant. Irriteniet ukoll illi l-fatt illi Paul Scicluna kien qed isuq *on the crown of the road*, u b'velocita` ta' xi tletin mil fis-siegha f'kantuniera fejn il-vizwali hija limitata hafna, ma kienx censurabbli, peress illi galadarba t-triq in kwistjoni kienet *one way*, huwa seta' facilment jaghmel uzu mill-wisa' kollha tal-parti karreggabbli tat-triq.

Id-decizjoni ta’ l-ewwel Qorti hija skorretta kemm mil-lat fattwali, kif ukoll mil-lat legali. Fl-ewwel lok, l-asserzjoni illi Paul Scicluna kien qed isuq *on the crown of the road* u mhux fil-karreggjata l-hazina, hija skorretta u kontradetta mic-cirkostanzi. L-iskizz tal-Pulizija juri l-karozzi kif waqfu wara l-mument tal-habta, u hawn il-vettura ta’ Paul Scicluna tidher lil hinn min-nofs tat-triq in kwistjoni. Dan meta kkombinat mal-pozizzjoni tal-hsara fuq il-vetturi, juri bic-car illi Paul Scicluna invada kompletament il-karreggjata ta’ l-esponenti. Il-hsara fil-vettura misjuqa minn Scicluna, kif indikata mill-istess Pulizija fl-iskizz tieghu, tikkonferma illi fil-hin ta’ l-impatt, huwa kien qieghed f’angolu ta’ madwar 45 grad vis-a-vis l-vettura ta’ l-esponenti u ezattament quddiemha. Ghalhekk ma jistax ikun illi Paul Scicluna kien qieghed isuq *on the crown of the road* – huwa veru illi wara l-impatt il-vettura tieghu giet *on the crown of the road*, izda mic-cirkostanzi kollha tal-kaz jidher bic-car illi fil-hin ta’ l-impatt huwa kien kompletament *on the wrong side of the road*.

Il-fatt illi Scicluna jghid illi l-incident fil-fatt sehh aktar qrib il-kantuniera jkompli jaggrava s-sitwazzjoni ghalih stess, ghaliex irendi aktar car il-fatt illi l-istess Scicluna kien qieghed *cutting the corner*. Dan il-fatt huwa sorrett ukoll mill-ammissjoni da parti ta’ l-istess Scicluna illi fil-hin ta’ l-impatt kien ghaddej b’xi 25 jew 30 mil fis-siegha – velocita` skonsiljabbli u li turi negligenza u traskuragni grossa fic-cirkostanzi ta’ xufier illi qed jikser liwja li fil-fatt tikkostitwixxi *blind corner*. Il-velocita` eccessiva (fic-cirkostanzi) ta' Paul Scicluna tispjega wkoll l-entita` qawwija tad-danni f'dan il-kaz.

Fit-tieni lok, id-decizjoni ta’ l-Ewwel Qorti li tattribwixxi responsabilita` lill-appellant minhabba l-manuvra “illegali” ta’ *U-Turn* illi huwa wettaq, hija skorretta u tmur kontra l-principji accettati fil-kamp in kwistjoni. Ir-ricerka tal-Gudikant ghar-responsabilita` f’kaz ta’ incident awtomobilistiku ghandha tikkoncentra fuq dak li jikkostitwixxi l-kawza prossima jew *causa causans* ta’ incident.

Ghalhekk, sabiex l-appellant jigi addossat bir-responsabilita` ta’ l-incident, il-manuvra ta’ *U-Turn* tieghu kellha tkun hi li fiha nnifisha tikkaguna s-sinistru, indipendentement minn kull azzjoni ohra. Dan ma kienx il-kaz, stante illi l-*U-Turn* saret ’il-boghod sewwa minn fejn sehh l-incident, u ghalhekk ma kellha ebda ness kawzali ma’ l-akkadut. Il-kawza prossima ta’ l-incident lanqas ma kienet il-fatt illi fic-cirkostanzi tal-kaz, f’dak iz-zmien partikolari, it-triq kienet temporanjament *one way* – fatt illi, kif gia` nghad, ma kienx risaput la mill-appellanti u lanqas mill-ufficcjal tal-Pulizija illi investiga l-incident – specjalment meta wiehed jikkonsidra illi t-triq in kwistjoni hija wahda wiesgha hafna illi tippermetti sewwa illi jghaddu zewg karozzi flimkien, f’direzzjoni opposta.

Il-kawza prossima ta’ l-incident hija identifikabbli biss u unikament fl-agir inkonsult tax-xufier ta’ l-atturi appellati, Paul Scicluna, li meta gie biex idur ghal go Belveder Street, tant kien ghaddej b’velocita` qawwija, illi minflok ippozizzjona ruhu biex idur kif suppost, billi dahal fil-karreggjata proprja tieghu fuq ix-xellug tat-triq spicca fuq in-naha l-hazina tat-triq, u invada kompletament il-karreggjata ta’ l-esponenti. Scicluna *cut the corner* b’velocita` skonsiljabbli. Kien hu li rrenda l-incident inevitabbli, u kien ghalhekk il-kawza unika ta’ l-incident.

Il-kollizzjoni sehhet biss ghaliex Paul Scicluna *cut the corner* u xejn aktar. Anke kieku stess Paul Scicluna kien jaf li t-triq kienet temporanjament *one-way*, dan il-fatt wahdu ma jawtorizzahx illi jagixxi daqs li kieku t-triq kienet kompletament tieghu. Ma jezonerahx milli jsuq b’velocita` u b’mod prudenti, specjalment huwa u ser idur *blind corner*. Ma jezonerahx milli jiehu l-prekawzjonijiet kollha necessarji qabel jidhol fi triq principali. Ma jezonerahx milli josserva r-regolamenti tat-traffiku illi jsuq dejjem fuq ix-xellug tat-triq. Ighid illi “*malli dort il-kantuniera sibtu ma’ wicci*” – li jidentifika proprju x’kienet il-kawza ta’ l-incident. Li kieku Paul Scicluna aderixxa ruhu mar-regolamenti tat-traffiku u saq, b’velocita` regolari, fuq in-naha tax-xellug tat-triq, zgur illi ma kienx isib lill-appellanti “*ma’ wiccu*” u ma kienx isehh l-incident *de quo*.

F’dan il-kuntest, tajjeb illi wiehed jaghmel referenza ghal dak li jintqal f’pagna 84 ta’ “*Driving: The Department of Transport Manual*”

“*cutting a corner when turning right must always be avoided. It is dangerous because it reduces your zone of vision and puts you on the wrong side of the road*”

U wkoll dak li jintqal minn Isaacs and Leveson f’pagna 58 ta’ “*The Law of Collisions*”

“*The duty to avoid cutting corners is one which is closely associated with the rule of the road and the duty to keep a proper look-out*”

Inoltre, huwa wkoll principju accettat illi x-xufier li jkun fuq in-naha l-hazina tat-triq huwa l-kawza ta’ l-incident, u ghalhekk ghandu jigi ritenut responsabbli ghall-akkadut.

Ghaldaqstant, l-appellant talab illi dina l-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta’ Ottubru 1999 fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi, billi tilqa’ l-eccezzjonijiet tieghu u ssibu mhux responsabbli ghall-incident *de quo* u konsegwentement ghad-danni relattivi, u tirrespingi t-talbiet attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess atturi appellati.

**<u>IR-RISPOSTA TA’ L-APPELL TA’ FORMOSA & CAMILLERI LTD. ET NOMINE</u>**

5. Is-socjeta` attrici appellata wiegbet hekk:

(i) Illi l-appell ta’ Antoine Abela ghandu jigi michud bl-ispejjez ghar-ragunijiet segwenti:-

(ii) Illi l-fatti li taw lok ghal dan l-incident hemm qbil totali. Infatti z-zewg vetturi kienu mexjin fl-istess direzzjoni (cioe` mill-fabbrika ta’ Foster Clarks go San Gwann Industrial Estate telghin it-telgha wiesa ’l barra mill-Industrial Estate biex johorgu go Belvedere Street).

(iii) Il-vetturi ma kienux ezatt wara xulxin, forsi distanza ta’ 30/60 sekonda bejniethom – ma rawx lil xulxin huma u hergin mill-Industrial Estate.

(iv) F’hin minnhom Antoine Abela li kien qed isuq quddiem, qabad u biddel fehmtu, ghamel *U-Turn* f’nofs it-triq, rega’ lura mid-direzzjoni li minnha kien ghadu kemm ghadda, u habat go Scicluna li dak il-hin kien ghadu tiela t-telgha u sab lil Abela go fih.

(v) Ta’ min ighid li t-triq li minnha kien niezel Abela kienet *one-way*, cioe` Abela ma setax jghaddi minnha; u ftit metri ’l boghod minn fejn ghamel il-*U-Turn* Abela hemm *roundabout*.

(vi) Tkun facli wisq li Abela llum jghid li ma kienx jaf li meta ghamel *U-Turn* sab ruhu go triq li mhux suppost kien go fiha.

(vii) *Driver* diligenti l-ewwel nett qatt ma ghandu jaghmel *U-Turn* meta hemm *roundabout* ftit metri ’l boghod; u t-tieni ma jistax imbaghad jghid li ma rax tabelli meta dawn it-tabelli kienu hdejn ir-*roundabout* u l-arbli taghhom (anke jekk minn wara) ben vizibbli ghal Abela li kien vicin taghhom, u fit-tielet lok trid tkun veru negligenti ghall-ahhar meta taghmel *U-Turn* u fl-istess hin taqsam “*white line*” li kienet fit-triq li minnha kien ghaddej l-istess Abela.

(viii) L-appellant donnu qed jallega li Scicluna kien negligenti ghax kien qed isuq b’velocita` u ma kienx fuq is-*side* tieghu.

(ix) Bir-rispett kollu, minn imkien ma tirrizulta din l-allegata velocita` eccessiva, la mix-xhieda ta’ Abela la minn dik tas-Surgent u lanqas minn ta’ Scicluna. Inoltre meta wiehed jitkellem fuq allegat “*speed*”, dan ghandu jkun speed eccessiv jew sfrenat u mhux ta’ xi 5 k.f.s. zejda! Dan qed jinghad semplicement bhala argument biss, stante li Scicluna kien qed isuq “nei limiti”.

(x) Lanqas ma jirrizulta li Scicluna kien qed isuq kompletament *wrong-side*. Dan kien *on the crown of the road*, fi triq wiesa hafna, u fi triq *one-way*. L-angolazzjoni murija fl-i*sketch* tal-*car* ta' Scicluna kienet dik ta' wara l-iskontru u mhux qabel. Minn imkien ma jirrizulta li qabel il-habta Scicluna kien "*wrong side*".

(xi) Bir-rispett kollu r-ragunijiet kollha ta' l-appellant ma jregghux ghal kollox. Infatti Abela donnu jrid jindikalna li l-kawza prossima ta' l-incident ma kienetx ghax huwa qasam il-*white line*, jew ghax ghamel *U-Turn* jew ghax ma rax sinjali tat-traffiku ftit 'il-boghod minnu jew ghax ma wzax *roundabout* li kienet proprju quddiemu biex tagevolalu s-sewqan izda ghax Scicluna minflok 25 m.f.s kien miexi bit-30 m.f.s u ghax Scicluna kien *on the crown of the road*! Kummenti ohra huma superfluwi f'kaz, bir-rispett kollu, tant car ta' negligenza assoluta ghall-appellant biss.

(xii) Haga ohra li ghandha tigi sollevata hija li l-appellant donnu jrid jghid li ghax il-pulizija ma kienx jaf li t-triq ma kienetx *two-way*, allura Abela kien skuzat fl-agir tieghu! Ragunament bhal dan ghandu jigi skartat bla tlaqliq.

(xiii) Ghaldaqstant is-socjeta` appellata talbet illi dina l-Qorti joghgobha tirrigetta l-appell maghmul mill-appellant u tiddikjara lill-appellant responsabbli kompletament ghall-incident stradali msemmi f'dan l-appell u tikkonferma s-sentenza tal-Prim Istanza deciza fl-4 ta' Ottubru 1999. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-imsemmi Antoine Abela.

**KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI**

6. L-appell in ezami huwa dwar incident awtomobilistiku li gara f'San Gwann fit-12 ta' Settembru 1996 fit-triq li mill-Qasam Industrijali ta' San Gwann twassal ghall-Housing Estate tal-Gvern fi Triq Belvedere. Kien hemm involuti vettura misjuqa minn Paul Scicluna, iben l-attrici Marlene Scicluna u vettura ohra misjuqa mill-konvenut appellant. Scicluna kien gej min-naha tal-Qasam Industrijali biex jidhol lejn San Gwann, filwaqt li l-konvenut kien isuq mid-direzzjoni opposta. Meta z-zewg vetturi waslu hdejn

kurva li hemm fil-bidu tat-triq li hija ghat-telgha, saret il-habta.

7. Essenzjalment l-ilment tal-konvenut huwa li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament skorrett u hazin tal-provi u b'hekk waslet ghall-konkluzjoni zbaljata dwar ir-responsabbilta` ghall-akkadut. Skond il-konvenut appellant l-incident ma garax bi htija tieghu, kif ikkonkludiet zbaljatament l-ewwel Qorti, imma gara invece tort tas-sewqan inkonsult u mharrek ta' Paul Scicluna. Skond il-konvenut, kien is-sewqan hazin ta' Scicluna li ta lok ghall-kawza prossima ta' l-incident. Minflok ma ppozizzjona ruhu biex idur mal-kurva kif suppost, Scicluna qata' ghad-dritt ("*cutting the corner")* b'velocita` qawwija u inoltre invada l-karreggjata tal-konvenut fuq in-naha hazina tat-triq. Ghalkemm huwa ghamel *U-Turn*, jghid l-appellant, din il-manuvra saret 'il boghod mnejn sehh l-incident u ma kkontribwiet xejn ghalih. Lanqas il-fatt li t-triq kienet saret temporanjament "*one way*" ma kkontribwixxa ghall-habta peress li t-triq de quo kienet wiesa bizzejjed u tiflah sew zewg vetturi ghaddejjin biswit xulxin. Scicluna ghazel li jsuq b'mod imprudenti u b'velocita` minkejja li kien qieghed javvicina u jdur ma' "*blind corner*". Il-fatt li huwa kien ser jidhol fi triq "*one way*" ma jezonerahx mir-responsabbilta`. Scicluna la kellu ghalfejn jaqta' ghad-dritt u wisq anqas jidhol u jsuq fil-karreggjata hazina tat-triq, sostna l-appellant.

8. Din il-Qorti ezaminat mill-gdid il-provi u jidhrilha li dak li gie kkonstatat u finalment deciz mill-ewwel Qorti kien gust u korrett. L-iskorrettezzi tal-konvenut f'dak li huwa sewqan kienu tant lampanti li ma jissuffragaw bl-ebda mod it-tezi tieghu li l-habta grat tort tax-xufier l-iehor. Il-fatt li la hu u lanqas l-ufficcjal tal-Pulizija ma kienu edotti mill-fatt li t-triq fejn kien ghaddej il-konvenut kienet saret temporanjament "*one way*" certament ma jiskuza xejn lill-istess konvenut mir-responsabbilita` li htieglu jerfa' talli ghadda u saq minnha kontra l-*one way*. Minbarra dan, *ex admissis* il-konvenut xehed ukoll li huwa ghamel manuvra ta' *U-Turn* li kienet tinvolvi l-qsim ta' *white lines* kontinwi u dan ghamlu biex "jiffranka" milli jibqa' tiela u jdur mar-*roundabout* kollokata aktar 'il fuq fl-istess triq. Li kieku

huwa dar ma' din ir-*roundabout*, il-probabbilita` hija li l-konvenut kien jintebah li t-triq kienet inbiddlet f'wahda *one way* u ma kienx allura jdur lura biex jinzel minnha kif invece ghamel. Il-konvenut huwa ghal kollox zbaljat meta jasserixxi illi x-xufier l-iehor, Paul Scicluna, invada l-karreggjata tieghu. Trattandosi ta' triq li minnha t-traffiku seta' jghaddi biss lejn direzzjoni unika, ma jaghmel assolutament ebda sens li ssostni li sewwieq seta' impunement isuq bil-kontra billi ma kienx edott bil-fatt li nel frattemp it-triq saret wahda "*one way*". Inoltre, prova li s-sewwieq l-iehor, Paul Scicluna, kien ghaddej isuq b'velocita` eccessiva ma rrizultatx. Trattandosi ta' triq "*one way*", Scicluna ma kienx jistenna li tinsaq vettura mid-direzzjoni opposta. Fi kliem iehor, dan is-sewwieq kellu litteralment il-wisa' tat-triq kollha "ghalih". Li kieku l-konvenut segwa r-regola tal-"*one way*", hu ma kienx jghaddi f'dik id-direzzjoni mnejn kien gej u li kieku ghamel hekk, certament, il-habta ma kenitx issehh. Dan ifisser li l-kawza prossima ta' l-incident ma kenitx attribbwibbli ghas-sewqan ta' Paul Scicluna imma kienet invece attribbwibbli lis-sewqan skorrett tal-konvenut.

9. Kull sewwieq irid jifhem u jzomm quddiem ghajnejh li s-sinjali tat-traffiku mhux talli jsiru bi skop specifiku imma jridu jigu osservati u segwiti. Fin-nuqqas, fit-toroq taghna jirrenja l-kaos. Kulma htieglu jaghmel il-konvenut hu li darba li t-triq in kwistjoni kienet tippermetti biss *traffic flow* f'direzzjoni wahda, huwa josserva dan is-sinjal u ma jsuqx bil-kontra. Minbarra dan, minn ezami tas-sentenza appellata ghandu jirrizulta evidenti li l-ewwel Qorti, qabel ma ppronunzjat ruhha, ghamlet analizi sew tad-dinamika tal-habta. Din il-Qorti ma ssib l-ebda gustifikazzjoni li ghandha ggieghelha tiddipartixxi minn dak li gie konstatat u deciz mill-ewwel Qorti. L-aggravji tal-konvenut m'humiex fondati la fil-fatt u lanqas fid-dritt u qeghdin jigu rigettati.

Ghal dawn ir-ragunijiet;
Tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma *in toto* is-sentenza appellata, tichad l-appell tal-konvenut bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------